MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Numru 1168/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**Espedito Said**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Espedito Said ta’ 38 sena, bin Joseph Said u Rita Said xebba Bonello, mwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Gunju 1974, residenti 3 Triq San Guzepp Nadur Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 302174M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-8 ta’ Novembru 2012 f’dawn il-Gzejjer ghall-habta ta’ bejn is-sebgha ta’ filghaxija u t-tmienja ta’ filghaxija iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx u

cioe’ dak ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar,

Sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Novembru 2012 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2012
l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar d-9 ta’ Novembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kkunsidrat ic-

cirkostanzi partikolari tal-kaz u kif ukoll ikkunsidrat l-kundizzjoni medika tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 110(2), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------